# *It-tnejn u sittin sena Anniversarju mill-mewt ta' Madre Margerita De Brincat*
# 25 ta' Jannar 2014
# Fr. Joe Buttigieg

Fl-okkażżjoni li għaliha nġbarna biex niċċelebraw, u niċċelebraw l-istennija li l-Qaddejja t'Alla Madre Margerita De Brincat tista' tibda tiġi msejħa Venerabbli, jagħtina okkazżjoni biex nagħmlu riflessjoni importanti ħafna għal ħajjitna. Hekk jien nixtieq nagħmel tiegħi l-immaġni qawwija li ħareġ biha l-Eċċellenza tiegħu Monsinjur Mario Grech. Kien sewwa u xieraq li jkun hu dak li jmexxi l-Kongregazzjoni f'Għawdex dak inhar fl-istennija ta' dan ir-rizultat. Monsinjur Mario Grech isejjaħ lil Madre Margerita vulkan. Il-qdusija li biha ddikjarha jagħtina lezzjoni importanti ħafna għal ħajjitna, vulkan ta' enerġija u ta' realtà umana u spiritwali.

Ta' lealtà umana u spiritwali. Vulkan: jien wieħed minn dawk li jsegwu l-kelma ta' dan ir-ragħaj għax hija kelma ċara, bla tidwir u taqta'. Waqt li kont qed naqra l-kelma tiegħu, bħalikieku qed narah, u bdejt ngħid; "imma din minn fejn ġabha vulkan? Żgur mhux minħabba l-vulkan li hemm ġo Marsalforn għax dan hu mejjet!" Allura żgur mhux forsi li dik il-għolja sabiħa bl-istatwa ta' Kristu li niżla biċċiet żgur li ma sspiratux, għax għalija laqgħat il-musmar fuq rasu. Jġibilna l-attenzjoni- bħala ragħaj spiritwali ta' din id-djoċesi, li fiha Madre Margerita hija bint, din l-istampa sabiħa ta' vulkan, u kelli nagħmel biċċa xogħol għax jien qatt m'għixt fuq vulkan u lanqas nersaq lejh. Hawn min imur fejn hemm il-vulkani, biex jara l-attività tal-vulkan, iktar faċli li tarah fuq l-internet! Imma meta qgħadt nara l-attività tal-vulkan fuq l-internet u naqra mill-ġdid f'moħħi l-ħajja ta' Madre Margerita, it-tagħlim, l-opri tagħha, il-kongregazzjoni tagħha u dak kollu li hu tagħha, wasalt għall-konklużjoni li l-Isqof ma setax ma jqabbilhiex ma' immaġni sabiħa u qawwija ta' vulkan. Żgur u mhux forsi li Madre Margerita mhix vulkan mejjet. Hija vulkan ħaj, u l-enerġija ta' dan il-vulkan u l-enerġija tagħha juru li kienet il-persuna ta' Ġesù Kristu li għannaqha miegħu u għamilha ħaġa waħda miegħu u tiegħu.

Dan Ġesù Kristu li hi, kif nafu lkoll, issejjaħlu l-imħabba li mhix maħbuba u mhix maħbuba għax mhix magħrufa. U kif għidna kemm-il darba Madre Margerita tagħmel lil dan Ġesù Kristu, l-imħabba, tagħmilha ħajjitha, kariżma

tagħha, l-ispiritwalità tagħha u l-missjoni tagħha. Minn Ġesù Kristu kienet titlaq kull attività ta' dan il-vulkan. U baqgħet vulkan u għadu vulkan issa iktar minn qatt qabel, għax dak li hija emmnet għal ħafna snin bil-fidi issa qed tarah għax lil Dak li ħabbitu speċjalment fl-umanità tiegħu, fil-passjoni tiegħu, issa dik l-umanità tiegħu sabet il-milja kollha tagħha fid-divinità. Għax dak li Fih ittamat, li għalih ħalliet kollox sa minn żgħożitha, issa dak li qed tara kemm hija ma ttamatx fl-ajru. Li t-tamiet tagħha ma kitbithomx fuq l-ilma, jiġi l-mewġ u jeħodhom, jew fl-ajru li tkun ġurnata riħ u jtiru. It-tama tagħha kienet fis-sod, għaliex dan id-digriet li huwa kollu fuq il-virtujiet u l-ħajja, huma l-fidi, tama u mħabba. Li huma bħalikieku d-dellijiet tal-kristal li jismu Ġesù Kristu li hija biss miegħu li ta din l-enerġija, li huwa biss miegħu li biha hija setgħet tiġi mkebbsa biex allura setgħet tkebbes lill-oħrajn.

Madre Margerita għarfet l-għerf għax ma kinetx prużuntuża, għaliex kull min jaċċetta s-sejħa t'Alla mhux prużuntuż. L-istess fundatur tagħha ma fehemx biżżejjed u raha prużuntuża. Imma hi aċċettat is-sejħa t'Alla b'umiltà  kbira, għaliex min jersaq qrib Ġesù Kristu ma jistax ikun supperv, ma jistax ikun imnieħru mxammar, ma jistax ikollu qalb imtappna, ma jistax ikun bniedem li jrid id-dinja kollha ddur madwaru. Min jersaq lejn Ġesù Kristu jinnamra max-xejn, għax dak li kien kollox sar xejn u hi saret xejn. U kull meta kienet tmur u tgħaddi l-ħin quddiemu ssir xejn biex Hu jsir IL-KOLLOX mhux kollox imma IL-KOLLOX. U allura l-enerġija ta' dan il-vulkan tgħidilna l-Madre hija Ġesù Kristu. Barra li qed tistedinna biex aħna naqbdu ma' Ġesù Kristu, nitqabdu miegħu fl-Ewkaristija, l-kelma fil-liturġija tas-sigħat u fid-dmirijiet tagħna, kemm bħala miżżewġin u bħala familji, bħala tfal eċċ. Nitqabdu ma' Ġesù Kristu, nqabdu miegħu u ma nħalluhx sabiex aħna nkunu nistgħu nimtlew. Madre Margerita fehmet li s-sorijiet kienu jiżdiedu u ma kellhomx bżonnha, imma kellhom bżonn ta' Ġesù Kristu, u aktar mas-sorijiet ma juriha l-bżonn, iktar kemm in-nies juruha l-bżonnijiet tagħhom, iktar kemm kulħadd kien juriha li hu fil-bżonn, hi kienet tinduna kemm għandna bżonn lil Ġesù Kristu. Allura żżid fis-sigħat quddiem l-Ewkaristija: u kif kienet tagħmel dak il-ħin kollu ma' dak ix-xogħol li kellha? Kienet tafda  u allura mhux ta' b'xejn l-Eċċellenza tiegħu jqabbilha ma' vulkan. Jiena nemmen li din l-okkażżjoni ta' dan il-vot tal-Kardinali u Isqfijiet dwar il-ħajja u l-virtujiet tal-Madre, ipoġġu responsabbiltà kbira fuqna speċjalment fuqna uliedha. RESPONSABBILTÀ KBIRA.

Jien nemmen li għalikom għandu jkun mument ta' tiġdid, ta' tiġdid personali, bħala komunitajiet u ta' Kongregazzjoni, tiġdid f'dik li hija ħajja li qegħdin tgħixu flimkien, kif ukoll tal-ħidma tagħkom. Għal darba oħra l-Mulej

qed isejħilkom bħala Kongregazzjoni, qed ipoġġi fuqkom responsabbiltà kbira f'dan il-mument fl-istorja. Jien u nitlob hekk kont qed ngħid "għaliex Mulej qed tagħtihielna llum? Għaliex qed tagħtihielna fi żminijietna?" **Għaliex il Mulej qed jagħtikom dan ir-rigal ta' responsabbiltà meta, kif qegħdin taraw qegħdin tikbru, tixjieħu u tonqsu?** Għaliex sinjal li Alla għadu ma tilifx il-fiduċja tiegħu fikom. Alla għadu jemmen fikom. Alla għadu jemmen f'kull waħda minnkom. Alla għad għandu bżonn tagħkom. U twieġbu għalih daqskemm bħal fundattriċi tagħkom tibqgħu temmnu li għandkom bżonn ta' Ġesù Kristu. U allura tqabbdu n-nar. Ma jkunx unur għal Madre Margerita li tibqa' biss vulkan imma trid li kull waħda minnkom tkun vulkan. Tkun vulkan ta' din l-enerġija ta' Ġesù Kristu. Li biha ssaħħnu lil xulxin u din tkun bħala vulkan li jħalli l-effetti tiegħu jinħassu mill-bogħod bħal ma nħossu aħna l-maremoto, li jkun ġej minn Sqallija, l-effetti tal-atttività tal-vulkan jinħassu minn mili 'l bogħod. U għalhekk jien għid li din hija okkażżjoni li tpoġġi fuqkom responsabbiltà kbira. X'effett qed ikollha l-ħajja tiegħi u tagħna, speċjalment fuq t-tfajla Maltija u Għawdxija jew fejn tinsabu? U allura iva, s-sejħa ta' kull waħda minna hija b'mod speċjali biex inkunu vulkan ta' enerġija li jisimha Ġesù Kristu. Għaliex, nistgħu nagħmlu festi kemm irridu u nagħtuha titli kemm irridu, imbagħad importanti ħafna li nifhmu aħna fejn aħna fil-mixja li aħna msejħin għaliha.

Intom s-sorijiet anzjani taħsbu li ma tiswewx, allura għax intom anzjani spiċċa żmienkom?. Ma rridux aħna nittieħdu minn din il-mentalità tad-dinja. Alla qed jagħtina lil Madre Margerita fi żmienna sabiex tkun **wake up call**. Biex ma nintelqux, biex ma nkunux negattivi, biex ma nagħmlux impossibiltà fuq Alla, li minn ġebel jista' joħroġ it-tifħir tiegħu, jgħid Ġesù Kristu. Ħafna drabi aħna npoġġu impossibiltà fuq Alla. Ma nistgħux aħna quddiem vulkan bħal dan, mimli enerġija li minnu nistgħu nixorbu aħna ngħidu li ma jistax ikun.

Ejjew nistaqsu, nidħlu iktar fil-fond ħalli naraw għaliex Alla qed jagħti lill-Kongregazzjoni llum, fis-sitwazzjoni tal-Kongregazzjoni u qed jagħtiha lill-gżira Għawdxija, lil Malta u lid-dinja kull fejn tinsabu? Għaliex is-sorijiet li jinsabu barra minn Malta qed jieħdu din it-tjubija mal-Kongregazzjoni kollha u hekk naraw dawn l-effetti u hija xi ħaġa ta' min jammira li minkejja n-numru u s-sitwazzjoni li ninsabu fihom u minkejja n-numru hu li hu u s-sitwazzjoni hi li hi għadkom temmnu fis-sejħa t'Alla għalikom u bħal Madre Margerita b'sagrifiċċju kbir tkomplu tiftħu missjonijiet ġodda. Tkomplu bħalha xxandru l-Vanġelu għax is-saltna t'Alla waslet. U għalhekk dan huwa mument qawwi ħafna biex aħna niġġeddu, u t-tiġdid tagħna fl-Ispirtu s-Santu hu miftuħ għal Ġesù Kristu, għall-Kariżma, għall-ispiritwalità ta' Madre Margerita u l-missjoni.

Iċ-ċentru ta' dan kollu huwa dan Ġesù li niċċelebraw fl-Ewkaristija. Nafu li għal Madre Margerita l-Ewkaritstija ma kinitx sempliċi devozzjoni bħal kull devozzjoni oħra, imma ħajjitha meta ngħidu anima ewkaristika jiġifieri ruħ ewkaristika; ma rridux nintilfu għas-sigħat li kienet titlob biss, imma għaliex hija stess saret ewkaristija, kif inhu l-iskop aħħari tal-Ewkaristija. Jekk aħna mmorru biex sempliċiment nitqarbnu u nħossu għal mument hekk sew inkunu għadna ma fehemna xejn. Aħna nieħdu sehem fl-Ewkaristija biex niġu Ewkaristija. L-Ewkaristija tinbidel fina biex aħna ninbidlu fiha. Is-saċerdot meta jgħidilna mmorru fil-paċi ta' Kristu, ikun qed jgħidilna issa l-quddiesa tagħkom tibda, biex insiru Ewkaristija,u allura aħna meta naqraw sewwa l-ħajja ta' Madre Margerita ibqgħu ċerti li kieku kellha tgħix fiż-żmien tagħna llum meta l-Papa Franġisku li kontinwament qed jgħidilna Ġesù Kristu qed iħabbat biex joħroġ u mhux jidħol. Li kieku Ġesù Kristu jħalli lil dik il-waħda u jfittex lid-99, dan hi diġà għamlitu fi żmienha Dan diġà għamlitu b'ġenerożità kbira u l-ewwel sorijiet jibqgħu magħhom. Għaliex il-vulkan x'jagħmel? Jibla' kollox u lil kulħadd fih. U dan hu li trid tagħmel. Li kulħadd ikun f'Ġesù Kristu għax hi hemm sabet il-ħajja u tistedinna biex aħna ukoll mmorru nsibu l-ħajja taghna.

Għalhekk insellmulek o vulkan tal-enerġija. Nitolbuk sabiex issa titlob magħna u għalina ħalli aħna wkoll naqbdu f'dan Ġesù Kristu li qegħdin niċċelebraw flimkien fl-Ewkaristija ħalli din il-qima li għada pitgħada nibdew nagħtuk, tkun qima li tagħmel sens, tkun qima li tħalli effett fuq il-ħajja tagħna personali u f'tal-oħrajn biex insiru vulkani ta' dan il-vulkan li huwa Madre Margerita Debrincat